MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Numru 503/2005

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Jonathan Debono, iben Carmelo,
imwieled Pieta’ fit-13 ta’ ottubru, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kokntra l-imputat –
1. talli fil-5 ta’ ġunju, 2005 għal ħabta tal-4.00 p.m. ġewwa Triq il-Peprin, San Gwann ikkometta ħsara volontarja fuq vettura tal-għamla Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG 402, għad-dannu ta’ Alexandra Baldacchino Seguna minn Ħaż-Żebbuġ, liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira maltin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għal Charles Zammit minn San Gwann sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ġewwa San Gwann volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Charles Zammit u Alexandra Baldacchino Seguna sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata kif jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' ġunju, 2005 fejn il-partijiet qablu li l-ħsara hi skuzzabbli minħabba provokazzjoni.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu bir-riserva hawn fuq imsemmija. Rat l-artikoli 325(1)(b) u l-ewwel proviso tas-subartikolu (1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tobbliga lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Charles Zammit għal żmien sena taħt penali ta' mitt lira maltin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------